MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Numru 198/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Coronato Portelli**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Coronato Portelli ta’ 196, Triq San Blas, Nadur, Għawdex fejn ġie akkużat talli f’Għawdex għamel jew ġiegħel jew ħalla li jsir xi ħaġa f’Ta Durell, Sannat, Għawdex, li għaliha huwa meħtieġ permess skond l-artikolu 16(1) tal-Ligijiet tal-Pulizija Kapitolu 10, mingħajr dak il-permess, jew mhux skond il-kundizzjonijiet ta’ dak il-permess, konsistenti dan il-ksur filli bena bla permess; il-Qorti ġiet mitluba li jiġu applikati d-dispożizzjonjiet tas-subartikoli (1)(3) u (8) tal-artikolu 17 u li tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ xi dritt li l-ħati għandu fi jew fuq proprjeta’

immobbli li dwarha sar ir-reat, u dan skond l-artikolu 17A tal-kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' April, 2012 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u wara li rat l-artikoli 16 u 17 tal-Kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta kif salvati permezz tal-artikolu 63(1) tal-Att I tal-1992, ikkundannatu għal ħlas ta' multa ta' mitejn u tletin euro u ordnat lill-imputat ineħħi l-iżvilupp li sar bla permess u jreġġa lura s-sit għal dak li kien qabel l-istess żvilupp fi żmien tlett xhur mid-data tas-sentenza u taħt kull direzzjonijiet li tista' timponi l-MEPA u dan fuq penali ta' sittin euro (€60) kull jum għal kull jum ta' nuqqas.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Coronato Portelli minnu prezentat fid-19 ta' April 2012, li permezz tiegħu interpona appell mis-sentenza tat-3 ta' April 2012 tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fl-ismijiet premessi kif ukoll mis-sentenza preliminari ta' l-istess Qorti tas-26 ta' Ottubru, 2011 talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrrevoka s-sentenzi appellati u tilliberah minn kull ħtija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena.

**4.** Rat id-depożizzjonijiet tax-xhieda, l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

L-imputat huwa sid ta' biċċa art f'Ta Durell, Sannat, Għawdex, u b'applikazzjoni datata 26 ta' Novembru 1990 huwa applika sabiex ikun jista jiżviluppa l-art imsemmija iżda b'ittra li ġġib id-data 16 ta' Awwissu 1991 ġie informat li l-applikazzjoni tiegħu kienet ġiet rifjutata mill-Planning Area Permit Board peress li kien hemm l-intenzjoni li jsir żvilupp intern. B' danakollu l-imputat xorta għadda biex jiżviluppa l-art in kwistjoni billi fuqha bena dar u garaxx. Id-dar ġġib l-isem ta' "Dar ix-Xtilpa", Triq Xabbata, Sannat, Għawdex. L-imputat ipprova jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu billi applika lill-Awtorita' tal-Ippjanar u meta din irrifjutat l-applikazzjoni tiegħu appella quddiem il-Bord ta' l-

Appell dwar l-Ippjanar li kkonferma r-rifjut u sussegwentement appella quddiem il-Qorti tal-Appell li b'sentenza tas-26 ta' Mejju 2004 ċaħdet l-appell tiegħu peress li qiesitu null u bla effett u kkonfermat id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell. Il-proċeduri fl-ewwel istanza baqgħu ikarkru għal diversi snin oħra peress li l-imputat baqa jipprova b'diversi modi jissanzjona l-iżvilupp bla permess li kien sar.

B'nota tal-20 ta' Mejju 2011 quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza l-imputat eċċepixxa (1) li l-azzjoni penali kienet preskritta stante li r-reat addebitat lilu kien wieħed kontravvenzjonali preskrivibbli bit-trapass ta' tlett xhur; (2) l-azzjoni penali kienet preskritta għaliex il-każ seħħ ferm qabel daħal l-artikolu 687(2) tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk l-azzjoni (*recte*: l-perjodu ta' preskrizzjoni) kellha tiġi interrotta kull tlett xhur, ħaġa li ma saritx; (3) ir-reat huwa llum abrogat u ma jistax jingħata ultra-attivita fis-sens li ma jistax wieħed jinstab ħati ta' reat li ma għadux reat illum taħt il-Kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta.

B'sentenza preliminari tas-26 ta' Ottubru 2011 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-imputat u eventwalment ingħatat mill-istess Qort is-sentenza fuq imsemmija tat-3 ta' April 2012 li biha l-imputat appellant nstab ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji tal-appellant jistgħu jiġu rikapitulati kif ser jingħad:

1) Ir-reat taħt l-artikolu 17(2) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija li bih huwa imputat l-appellant jikkonsisti f'kontravvenzjoni istantanja u li għalhekk l-azzjoni penali fir-rigward tagħha hi preskritta peress li għaddew aktar minn tlett xhur skont kif previst fl-artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali kemm qabel ġiet proposta l-azzjoni kif ukoll bejn differiment u ieħor tenut kont tal-fatt li l-artikolu 687(2) tal-Kodiċi Kriminali ma hux applikabbli għall-każ in vista tal-

fatt li ċ-ċitazzjoni ġiet notifikata lilu qabel daħal in vigore dak is-subartikolu;

2) Ma teżisti ebda prova li l-imputat għamel jew ġiegħel jew ħalla li jsir xi haġa li għaliha kien meħtieġ permess u fi kwalunkwe każ ma saritx il-prova li r-reat addebitat lill-imputat sar fi żmien tlett xhur qabel in-notifika taċ-ċitazzjoni lill-imputat;

3) darba li r-reat de quo llum huwa abrogat il-Qorti tal-Maġistrati kellha neċessarjament tillibera lill-imputat b'applikazzjoni ta' l-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali kif interpretat fil-ġurisprudenza;

4) il-piena erogata hi ferm gravuża.

**7.** In kwantu għal **<u>l-ewwel aggravju</u>**, huwa minnu li l-artikolu 318 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija fi żmien ir-reat kien jipprovdi espressament li kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dak il-Kodiċi isir ħati ta' kontravvenzjoni. Huwa minnu wkoll li l-artikolu 319(1) tal-istess Kodiċi jipprovdi wkoll li l-qorti għal kull kontravvenzjoni msemmija fl-artikolu 318 tista tagħti kull waħda mill-pieni stabbiliti fil-Kodiċi Kriminali għall kontravvenzjonijet, sew separatament kemm flimkien, jew, jekk fil-fehma tal-qorti r-reat ikun jistħoqq piena akbar, tista' tagħti l-piena tal-multa jew tal-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn xahar. Kieku l-Kodiċi kien jieqaf hemm kieku ma kienx ikun hemm kwistjoni li kull reat taħt dak il-Kodiċi, u allura anki r-reat imputat lill-appellant taħt l-artikolu 17, kien ikun kontravvenzjoni soġġett għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet. Il-fatt li l-qorti setgħet, fil-każijiet fejn jidhrilha li r-reat kien jistħoqqlu piena akbar, tapplika l-piena tal-multa jew tal-priġunerija ma kienx jibdel il-pożizzjoni legali u r-reat kien jibqa' wieħed ta' natura ta' kontravvenzjoni għalkemm f'dik l-eventwalita' punibbli b'pieni normalment applikabbli għal delitti.

**8.** Iżda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija ma jieqafx hemm. Fl-ewwel lok l-artikolu 319(1) jipprovdi qabel kollox li dak previst fl-istess subartikolu kien "Bla ħsara … ta' kull disposizzjoni oħra speċjali ta' dan il-kodiċi", u l-artikolu 17

tal-istess Kodiċi hu, di fatti, tali dispożizzjoni speċjali. Dan il-fatt waħdu, iżda, ma hux determinanti tal-kwistjoni għaliex, kif anki jirriżulta minn nota marġinali relattiva, l-artikolu 319(1) hu intiż sabiex jirregola l-piena applikabbli u mhux biex jistabilixxi n-natura tar-reat. L-artikolu intiż biex jiddetermina n-natura tar-reati taħt il-Kap 10 huwa l-artikolu 318 tal-istess Kodiċi li, kif ingħad, jipprovdi li min jikser id-disposizzjonijiet ta' dak il-Kodiċi isir ħati ta' kontravvenzjoni. L-artikolu 17(1) tal-istess Kodiċi, iżda, jipprovdi li "B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 318, tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 319, u tas-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 321 ta' dan il-Kodiċi, id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għal kull reat taħt is-subartikolu li jiġi minnufih wara dan."

**9.** Ir-reat imputat lill-appellant huwa reat li proprju jaqa' taħt is-subartikolu li jiġi minnufih wara s-subartikolu 17(1), u ċioe' taħt is-subartikolu 17(2). Dan ifisser li minkejja dak provdut fl-artikolu 318 tal-Kodiċi għandu jipprevali dak previst fl-artikolu 17(2) tal-istess Kodiċi. Kieku l-artikolu 17(1) ried jipprovdi biss eċċezzjoni għall-piena applikabbli allura kien jillimita ruħu biex jikkawtela lilu nnifsu biss mill-artikolu 319(1) li jirregola l-piena. Ma għamilx hekk u kkawtela lilu nnifsu wkoll mill-artikolu 318 tal-Kodiċi li speċifikatament u espressament jikkaratterizza r-reat taħt il-Kodiċi bħala kontravvenzjonijiet. Dan ifisser li ma jistax isir użu mill-artikolu 318 sabiex jiġi karatterizzat ir-reat taħt l-artikolu 17(2).

**10.** Għalhekk, dak li jibqa' biex jikkaratterizza r-reat taħt l-artikolu 17(2) hija l-piena kkomminata għar-reat, u ċioe' l-piena ta' multa, li hi l-piena stabbilita għal delitti u li għalhekk turi li r-reat hu delitt u mhux kontravvenzjoni. Dan hu ulterjorment msaħħaħ bil-fatt li l-artikolu 17(1) ħass il-ħtieġa li jikkawtela lilu nnifsu mhux biss mill-artikolu 319(1) li jirregola l-piena iżda wkoll mill-artikolu 318 li jikkaratterizza r-reati taħt il-Kodiċi bħala kontravvenzjonijiet u dan sabiex jelimina l-kontradizzjoni li altrimenti kienet tirriżulta. Għaldaqstant din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li r-reat taħt l-artikolu 17(2) imputat lill-appellant huwa delitt u mhux kontravvenzjoni u li għalhekk

iż-żmien ta’ preskrizzjoni applikabbli għalih huwa dak ta’ sentejn.

**11.** Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant jistqarr li mill-provi tal-prosekuzzjoni jirriżulta li l-bini nbena fl-1991. (fol. 155). Di fatti jirriżulta li l-applikazzjoni tiegħu għall-permess saret fis-26 ta’ Novembru 1990 (fol. 175) u ġiet rifjutata fis-16 ta’ Novembru 1991 u fis-17 ta’ Lulju 1992 ġie rappurtat li x-xogħol fuq is-sit kien beda minkejja r-rifjut (fol. 52 u 176). Għalkemm jirriżulta li ċ-ċitazzjoni ġiet redatta fis-17 ta’ Settembru 1992 u l-ewwel seduta kellha ssir fis-7 ta’ Ottubru 1992 mill-proċess l-ewwel notifika li tirriżulta hija dik tal-24 ta’ Jannar 1994 u l-ewwel seduta li tirriżulta li saret skont il-verbali fil-proċess hi dik tat-23 ta’ Frar 1994. Spetta lill-prosekuzzjoni li tipprova mingħajr dubbju dettat mir-raġuni li l-azzjoni penali ġiet inizjata fiż-żmien skont il-liġi. Jekk ir-reat hu wieħed istantanju dan ifisser li fil-każ odjern il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-azzjoni saret fi żmien sentejn mid-data tal-konsumazzjoni u għalhekk jekk ma jirnexxilhiex tipprova d-data tal-konsumazzjoni tar-reat jista’ jkun il-każ li wkoll ma jirnexxilhiex tipprova li l-azzjoni saret fiż-żmien li trid il-liġi.

**12.** Minn naħa l-oħra, jekk ir-reat hu wieħed permanenti, iż-żmien tal-preskrizzjoni anqas jibda jiddekorri sakemm tibqa’ l-permanenza tar-reat u ċioe sakemm is-sitwazzjoni anti-guridika kreata bl-att inizjali kontra l-liġi tibqa’ ma titneħħhiex. Dan ifisser li jekk ir-reat in kwistjoni huwa wieħed permanenti ir-reat ma jistax ikun preskritt jekk ġiet kreata sitwazzjoni anti-ġuridika li għadha ma tneħħietx. Għalhekk irid jiġi determinat jekk ir-reat in kwistjoni huwiex wieħed permanenti.

**13.** L-ewwel Qorti ma daħlitx f’din il-materja għalkemm il-prosekuzzjoni fl-ewwel istanza kienet tirritjeni li r-reat kien wieħed permanenti (ara. verbal fol. 119 u n-nota tal-osservazzjonijiet fol 126, partikolarment fol. 128). Ir-reat huwa wieħed permanenti meta l-att inizjali kontra l-liġi jiġġenera sitwazzjoni anti-ġuridika li tibqa’ tipperdura għal perjodu ta’ żmien u li għaż-żmien kollu li tibqa’ tipperdura tkun il-ħin kollu kontra l-liġi. Għalhekk fir-reat *de quo* jrid jiġi eżaminat jekk skont il-liġi huwiex biss l-att inizjali li hu

kontra l-liġi jew jekk hix ukoll kontra l-liġi s-sitwazzjoni li ġiet ġenerata b'dak l-att inizjali.

**14.** L-appellant isostni li r-reat in kwistjoni huwa wieħed istantanju għaliex l-għemil materjali projbit mil-liġi skont id-definizzjoni legali tar-reat huwa għemil istantanju konsistenti, skont it-taħrika, filli l-appellant "bena" mingħajr permess. Skont l-appellant, li "tibni" huwa għemil istantanju u għalhekk ir-reat huwa wieħed istantanju. Ir-reat addebitat lill-appellant skont iċ-ċitazzjoni, iżda, ma hux sempliċement li "bena" mingħajr permess iżda li "għamel jew ġiegħel jew ħalla li jsir xi ħaġa f'Ta Durell, Sannat, Għawdex, li għaliha huwa meħtieġ permess skond l-artikolu 16(1) tal-Liġijiet tal-Pulizija Kapitolu 10, mingħajr dak il-permess, jew mhux skond il-kundizzjonijiet ta' dak il-permess, konsistenti dan il-ksur filli bena bla permess". (sottolinear tal-Qorti). L-għemil addebitat lill-appellant huwa għalhekk li "għamel jew ġiegħel jew ħalla li jsir xi ħaġa li għaliha huwa meħtieġ permess..." u dan huwa l-element materjali tar-reat skont id-definizzjoni legali tiegħu. Li "bena" huwa deskrizzjoni tal-fatt li bih sar l-għemil materjali addebitat lill-appellant u li wieħed "jibni" jfisser li jagħmel għemil li bih jiġġenera binja, u ċioe' stat ta' fatt kontinwu u li jipperdura għal tul ta' żmien. Dan huwa stat ta' fatt anti-guridiku ġġenerat bl-għemil ugwalment anti-ġuridiku tal-aġent. Dan ma hux fatt istantanju izda huwa stat ta' fatt kontinwu u huwa dan l-istat ta' fatt li jeħtieġ il-permess skont il-ligi u li għalhekk, għal kull mument li jipperdura mingħajr permess ikun jikkostitwixxi l-vjolazzjoni tal-liġi. L-interess ġuridku mħares bir-reat maħsub fl-artikolu 17(2) abbinat mal-artikolu 16 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija huwa li jiġi assigurat li l-iżvilupp edilizju fil-pajjiż ikun f'kull żmien konformi ma' żvilupp ippjanat u sanzjonat mill-awtoritajiet kompetenti. Dawn huma l-karatteristiċi ta' reat permanenti. Il-fatt projbit mil-liġi, il-fatt anti-ġuridiku, huwa għalhekk ta' natura permanenti u daqstant permanenti hija l-vjolazzjoni nfisha tal-liġi[1].

[1] Ara wkoll App. Kr. Pulizija v Francis Mallia; 14/3/1991.

**15.** Raġġunta din il-konklużjoni jfisser li l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ma tibdiex tiddekorri qabel ma jiġi rimoss il-fatt anti-ġuridiku u peress li ma hemm ebda kontestazzjoni li f'dan il-każ dan għadu ma ġarax allura ż-żmien tal-preskrizzjoni għadu ma skadiex u anzi għadu anqas beda jiddekorri. Dan l-ewwel aggravju tal-appellant, għalhekk, qiegħed jiġi respint.

**16.** Bit-**<u>tieni aggravju</u>** tiegħu l-appellant isostni li l-għemil imputat lilu ma ġiex pruvat u fi kwalunkwe każ ma saritx il-prova li r-reat addebitat lilu sar fi żmien tlett xhur qabel in-notifika taċ-ċitazzjoni.

**17.** In kwantu għall-ewwel parti ta' dan l-aggravju il-gurisprudenza ta' din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**18.** Quddiem din il-Qorti xehed Mark Cini, illum Senior Planning Officer mal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u li sa mill-1980 kien building inspector mal-Planning Area Permits Board u aktar tard mal-Planning Authority, il-predeċessura tal-Awtorita' kurrenti. Huwa xehed li fis-26 ta' Novembru 1990 saret applikazzjoni għal permess tal-bini fl-art "Ta' Durell", Sannat, Gozo (Dok. MC3, fol. 50) u b'ittra datata 26 ta' Awwissu 1991 (fol. 15, Dok. MC4, fol. 51) indirizzata lil Coronato Portelli fl-istess indirizz fejn ġiet notifikata lilu t-taħrika odjerna, l-appellant ġie informat li l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata. Fis-17 ta' Lulju 1992 daħal rapport li x-xogħol fuq is-sit kien beda minkejja li l-permess kien ġie rifjutat. Ix-xhud kkonferma li dwar il-każ huwa dejjem kkomunika mal-appellant.

**19.** Fis-17 ta' Settembru 1992 nħarġet it-taħrika odjerna kontra l-appellant. Wara numru ta' seduti li għalihom l-appellant ma deherx, minkejja notifikat, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 1996 deher Dr. Carmelo Galea u talab differiment għan-nom tal-imputat, li baqa' ma deherx,

peress li l-imputat "għandu applikazzjoni għall-permess pendenti". Fis-27 ta' Marzu 1997 saret applikazzjoni sabiex jiġi sanzjonat l-iżvilupp fis-sit li ġie indikat bħala "Dar ix-Xtilpa", Triq Xabbata Sannat u li kien ukoll l-indirizz indikat bħala r-residenza tal-applikant Coronato Portelli. Fl-istess applikazzjoni l-applikant iddikjara li kien qiegħed japplika għal *development permission* u li huwa kien l-uniku sid tal-art fejn kien ser isir l-iżvilupp.

**20.** Fil-frattemp issoktaw il-proċeduri kriminali u hawnhekk seħħet sensiela ta' seduti deplorevoli li fihom l-imputat naqas milli jidher għalkemm notifikat, jew naqas milli jidher l-avukat tiegħu. Fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2000, li fiha deher l-imputat assistit mill-avukat tiegħu ġie verbalizzat li "Il-Prosekuzzjoni tikkonferma li hemm appell pendenti mir-rifjut ta' l-applikazzjoni ta' l-imputat" u fis-seduta tat-28 ta' Frar 2001 il-prosekuzzjoni, fil-preżenza tal-imputat, informat lill-Qorti li l-applikazzjoni ta' l-imputat biex jirregola l-pożizzjoni tiegħu quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar kienet għadha pendenti quddiem il-Bord tal-Appell wara rifjut. Fis-16 ta' Mejju 2001 l-avukat tal-imputat informa lill-Qorti li l-appell pendenti quddiem l-Awtorita' ta' l-Ippjanar huwa mħolli għas-sentenza.

**21.** Wara xi differimenti oħra bl-ewwel Qorti tistenna l-eżitu tal-appell quddiem il-Bord tal-Appell, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2002 l-ewwel Qorti ġiet informata li l-Bord tal-Appell kien iddeċieda l-appell u li l-imputat kien intavola appell minn dik id-deċiżjoni għal quddiem il-Qorti tal-Appell u għalhekk il-proċeduri fl-ewwel istanza ssoktaw jiġu differiti sakemm il-Qorti tal-Appell tagħti s-sentenza tagħha.

**22.** B'sentenza tas-26 ta' Mejju 2004 (Doc MC7, fol. 55) il-Qorti tal-Appell kkonfermat l-imsemmija deċiżjoni tal-Bord tal-Appell u l-ewwel Qorti ġiet informata b'dan mill-prosekuzzjoni fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2004, preżenti l-imputat appellant u l-avukat tiegħu. L-imputat xehed quddiem l-ewwel Qorti fis-27 ta' April 2005 iżda ma xehedx quddiem din il-Qorti. Ix-xhud Mark Cini, mistoqsi jekk Coronato Portelli msemmi fis-sentenza msemmija tat-

3 ta’ Novembru 2004 huwiex l-imputat appellant wieġeb li huwa dejjem mal-imputat ikkomunika.

**23.** Fis-27 ta’ April 2005 l-ewwel Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza iżda wara diversi differimenti għal dan il-għan, b’rikors tal-1 ta’ Novembru 2006 l-imputat talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex ikollu l-opportunita’ jressaq applikazzjoni mill-ġdid fid-dawl tat-tibdil li allegatament kien hemm fil-Pjan Lokali għal Għawdex. Din it-talba ġiet milqugħa mill-ewwel Qorti sakemm fis-seduta tas-27 ta’ April 2011 dehrilha li kienet stenniet biżżejjed u ħalliet il-kawża għas-sottomissjonijiet finali u wara sentenza in parte ddeċidiet il-kawża finalment fit-3 ta’ April 2012.

**24.** In vista tar-riżultanzi proċesswali premessi din il-Qorti ma ssibx raġunijiet tali li jinduċu lil din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta’ l-ewwel Qorti għaliex l-ewwel Qorti setgħet fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom u ċioe’ li rriżulta li l-iżvilupp allegat fit-taħrika sar mingħajr il-permess meħtieġ mil-liġi u li risponsabbli għal dan l-iżvilupp huwa l-imputat appellant. Din il-parti tat-tieni aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

**25.** In kwantu għat-tieni parti ta’ dan l-aggravju, u ċioe’ li ma saritx il-prova li r-reat addebitat lilu sar fi żmien tlett xhur qabel in-notifika taċ-ċitazzjoni, ir-relevanza ta’ din is-sottomissjoni tistrieħ fuq dak sottomess fl-ewwel aggravju dwar in-natura kontravvenzjonali u istantanja tar-reat addebitat lill-appellant. In vista tal-fatt li l-ewwel aggravju ġie respint fl-intier tiegħu minn din il-Qorti din il-parti tat-tieni aggravju tirriżulta irrelevanti u għalhekk qed tiġi respinta. B’hekk qiegħed jiġi miċħud dan it-tieni aggravju fl-intier tiegħu.

**26.** Permezz tat-**<u>tielet aggravju</u>** tiegħu l-appellant isostni li stante li r-reat addebitat lilu llum huwa abrogat allura l-ewwel Qorti kellha tilliberah mill-imputazzjoni u dan b’applikazzjoni tal-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali kif interpretat fil-ġurisprudenza. Bħall-ewwel Qorti, din il-Qorti ma hix ser tiddilunga dwar dan l-aggravju peress li din il-

Qorti taqbel għal kollox mar-raġunijiet miġjuba fis-sentenza preliminari tal-ewwel Qorti tas-26 ta' Ottubru 2011 li wassluha sabiex tirrespinġi it-tielet eċċezzjoni tal-appellant li kienet identika għal dan it-tielet aggravju. Kif irrilevat l-ewwel Qorti, għalkemm l-ewwel taqsima tal-Kap 10 ġiet mħassra bl-artikolu 63(2) tal-Att I tal-1992, l-istess artikolu espliċitament fil-proviso (ii) tas-subartikolu (2) jipprovdi li kull reat magħmul kontra xi dispożizzjonijiet mħassra bl-istess artikolu għandu jibqa reat u jistgħu jitkomplew proċedimenti dwaru bħal li kieku dawk id-dispożizzjonijiet kienu għadhom fis-seħħ. Din il-volonta' espliċita tal-leġislatur neċessarjament tipprevali fuq kull ġurisprudenza f'sens kuntrarju li setgħet tippreċediha.

**27.** Jista' jiżdied għall kompletezza, li d-dispożizzjoni espressa fuq imsemmija kienet appena neċessarja fid-dawl ta' dak li kien ġia jipprovdi l-Att dwar Interpretazzjoni (Kap. 249) fl-artikolu 12(1) tiegħu. Dak l-artikolu jipprovdi li meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta l-Att imsemmi iħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'ghandux:

"(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;

"(c) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbilita' miksuba …taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra…

"(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbilita' għal xi penali, konfiska jew piena bhal dawk;

"(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi obbligazzjoni, responsabbilta', penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,

"u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu imposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda."

Għalhekk il-ġurisprudenza li għaliha jagħmel riferenza l-appellant ilha żmien twil li ġiet sorpassata bil-volonta` espressa tal-leġislatur. Dan it-tielet aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud ukoll.

**28.** Ir-**<u>raba aggravju</u>** tal-appellant jirrigwarda l-piena li l-appellant jikkonsidra ferm gravuża. Huwa jilmenta prinċipalment mill-ordni tal-ewwel Qorti sabiex huwa jneħħi l-iżvilupp fi żmien tlett xhur taħt penali ta' €60 kull jum fin-nuqqas għaliex il-fond in kwistjoni huwa r-residenza tiegħu fejn jgħix ma martu u uliedu. Hija l-ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti fejn si tratta ta' appelli dwar piena li din il-Qorti bħala qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tiddisturbax id-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena sakemm dik il-piena ma tkunx teżorbita mill-parametri tal-liġi jew ma tkunx manifestament waħda esaġerata. Fil-każ odjern din il-Qorti hi prattikament fl-impossibilita' li tvarja l-piena erogata mill-ewwel Qorti għaliex l-ordni tat-tneħħija tal-kawża tar-reat u li jitreġġa lura kull ħaġa li tkun saret mingħajr permess hi mandatorjament komminata mil-liġi fl-artikolu 17(3) tal-Kap. 10 u kemm l-ewwel Qorti u daqstant din il-Qorti ma għandhom ebda għażla jew diskrezzjoni fil-materja. Inoltre l-liġi tobbliga wkoll lill-Qorti li l-massimu tat-terminu għat-tneħħija ma jistax jeċċedi t-tlett xhur u għalhekk l-ewwel Qorti pprefiġġiet lill-appellant l-itwal terminu li tippermettilha l-liġi. Anki l-multa pagabbli kuljum fin-nuqqas li titneħħa l-kawza tar-reat hi fil-minimu previst mil-liġi. Għalhekk dan l-aggravju ma jistax jintlaqa'.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tichad l-appell ta' Coronato Portelli u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li t-terminu ta' tlett xhur prefiss fis-sentenza appellata għandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------